**Minuti tal-Laqgħa nru 25 tal-Ħames Kunsill Lokali tal-Mosta li saret , Il-Ħamis 7 ta' Mejju 2009**

l-laqgħa bdiet fis-7.12 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Paul Chetcuti Caruana | 19.12 p.m. | 23.15 p.m. |
| Viċi Sindku Josette Agius Decelis | 19.12 p.m. | 23.15 p.m. |
| Kunsillier Joseph Demartino | 19.12 p.m. | 22.46 p.m. |
| Kunsillier Mario Sammut | 19.12 p.m. | 23.15 p.m. |
| Kunsillier Shirley Farrugia | 19.12 p.m. | 22.46 p.m. |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 19.12 p.m. | 22.46 p.m. |
| Kunsillier Paul Agius | 19.12 p.m. | 23.15 p.m. |
| Kunsillier Kirby Fenech | 19.12 p.m. | 23.15 p.m. |
| Kunsillier Christopher Grech | 19.12 p.m. | 23.15 p.m. |
| Kunsillier John Mary Camilleri | 22.00 p.m. | 22.30 p.m. |
| Kunsillier Nicola Fenech Adami | 19.12 p.m. | 22.46 p.m. |

Is-Sindku mexxa il-laqgħa tal-kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal-laqgħa. Kienet preżenti wkoll is-Sinjura Romina Perici Ferrante l-accountant tal-Kunsill.

**1.00 Approvazzjoni tal-Minuti**

1.01 Inqraw il-minuti tal-laqgħa nru 23 tad-19 ta' Novembru 2008 li ma kienux għadhom ġew approvati fil-laqgħa nru 24 għax kienet saret sospensjoni tar-regolamenti. Dawn ġew approvati wara li saret u ġiet iffirmata korrezzjoni f'10.6 fejn inbiddlet il-kelma 'handikappati' bil-kliem "persuni bi bżonnijiet speċjali" .

1.02 Tpoġġew ukoll għall-approvazzjoni l-erba partijiet tal-laqgħa nru 24 li saru fis-6 ta' Jannar 2009, fil-25 ta' Frar 2009, fit-3 ta' April 2009 u fit-28 ta' April 2009.

1.03 Lewwel tlett partijiet ta' din il-laqgħa ġew meħuda bħala moqrija billi kien ntbagħtu lill-Kunsilliera ġranet qabel il-laqgħa fil-waqt li r-raba parti (tat-28 ta' April 2009) inqrat waqt il-laqgħa peress li kienet intbagħtet lill-Kunsilliera dak in-nhar stess.

1.04 Saru dawn il-korrezzjonijiet u ġew iffirmati:

a) Fl-ewwel parti tal-laqgħa (Nru 24-6/01/09) fuq korrezzjoni tas-Sur Joe De Martino f'1.2 il-ħames paragrafu inqatgħu il-kliem 'xi ftit xogħol' u idaħħlu l-kliem 'biċċa bankina' u iddaħħlet il-kelma 'tajjeb' wara il-kliem ' tant xogħol'.

b) Fir-raba parti tal-laqgħa (Nru 24-28/04/2009) fuq korrezzjoni tas-Sur Joe De Martino fl-iskeda tal-attendenza idaħħlu l-kliem 'Time In' u nbiddlet il-kelma 'in' bil-kelma 'out' f'ras il-kolonni tal-ħinijiet.

c) Fir-raba parti tal-laqgħa (Nru 24-28/04/2008) fuq korrezzjoni tas-Sur Paul Agius f'6.01 wara l-kliem 'Ġie approvat" żdiedu il-kliem 'suġġeriment tas-Sur Paul Agius".

d) Fir-raba parti tal-laqgħa Nru 24- 28/04/2009 fuq korrezzjoni ta' Dr Shirley Farrugia f.1.05 wara il-kelma 'prezz' żdiedu l-kliem "ta' €9,086(inkluż il-vat)".

e) Fir-raba parti tal-laqgħa (nru24-28/04/2009) f.3.01 żdiedet sentenza fl-aħħar tal-paragrafu kif ġej "Dan il-proġett ġie jiswa total ta' €51,645.14 inkluż il-vat".

Il-minuti ġew approvati.

**2.0 Tagħrif mill-minuti**

2.01 Ġie deċiż li meta jsir il-kuntratt ġdid tal-knis tat-toroq tiddaħħal klawsola li l-kuntrattur jrid jieħu ħsieb jbattal ukoll id-*dog bins.*

2.02 Is-Sindku ħa din l-okkażżjoni sabiex jifraħ lill-Kunsillier is-Sur Mario Sammut għal ħatra tiegħu bħala kavallier ta' San Lazzru. Is-Sindku qal li din il-ħatra kienet tixraqlu għax-xogħol li huwa jagħmel fost l-anzjani u persuni b'diżabilita.

**3.00 Korrispondenza**

3.01 Ma ġietx aċċettata talba għal donazzjoni minn AS Libertas għall-avveniment tat-tlielaq tar-roti. Ġie biss offrut l-użu tas-sala tal-komunita.

3.02 Ittra dwar assikurazzjoni ta flus fil-Kunsill Lokali u fit-Tribunal ma ġietx aċċettata għaliex filwaqt li fil-Kunsill huwa ftit l-ammont ta' flus kontanti li jinżammu, it-Tribunal jinsab fi premises differenti (Bugibba) u għalhekk hemm il-kumitat tat-tribunal li jiddeċiedi dwar dan.

3.03 Ittra minn Joe Sammut dwar wardens fi Triq Grognet ġiet innotata u ġie innotat ukoll li din qed tiġi ttrattata mill-authorised officer tal-Kumitat Konġunt is-Sur Raymond Grima.

3.04 Talba mis-Soċjeta Filarmonika Nicolo Isouard dwar meeting sabiex jsir monument lill-Mons. Dun Bert Bezzina li miet riċentament. Wara diskussjoni ġie deċiż li s-Sindku għandu jattendi dan il-meeting u jispjega l-opinjoni tal-Kunsill li din l-inizzjattiva għandha tiġi mill-awtoritajiet eklesjastiċi.

3.05 Talba għal sussidju fuq kera ta' garaxx fiż-Żokrija mill-Glosters Breeders Society wara li l-kera mitluba mill-housing għoliet ħafna ma ġietx aċċettata. Peress li l-Kunsill għandu garaxxijiet oħra li ukoll hemm talba fuqhom mill-Aworita ta' Djar, il-kunsill inkariga lis-Segretarju Eżekuttiv jindaga jekk dan kienx il-każ ukoll f'kunsilli oħra u jirraporta lura. Jekk il-Glosters Breeders Associaion mhux lesti li jħallsu l-kera mitluba mill-Housing dawn għandhom jintalbu jirritornaw iċ-ċwievet tal-post.

3.06 Talba minn Arturo Mingardi sabiex il-Kunsill jagħmel pressjoni u jindaga għaliex ma ġietx aċċettata applikazzjoni tal-Unjoni Ewropeja dwar estensjoni tal-programm SMART ma ġietx approvata.

3.07 Ġiet aċċettata stima ta arblu b'bozza tad-dawl fi Triq l-Isperanza bil-prezz ta' €2003.

3.08 Ġiet ippreżentata Memo28/2009 fuq skemi dwar Enterprise Support Award u Green Challenge Award. Ma ittieħdet l-ebda deċiżjoni dwarha.

3.09 Ittra dwar talba ta' Reserved Parking għall-skema ta' POYC Pharmacies. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jitlob kjarifika jekk dan il-parking space hux qed jiġi miltub għas-suppliers sabiex isiru d-deliveries tal-mediċini jew għal pazjenti.

3.10 Ġiet innotata memo 27/2009 mingħand id-direttur tad-dipartiment tal-kunsilli dwar ħinijiet tal-laqgħat tal-Kunsill.

3.11 Ġie approvat pagament lill John G. Cassar għall-ħlas ta' bandli wara li l-Kunsill irċieva ittra bl-avukati Ganado Sammut.

3.12 Ittra mill-AKL dwar skema tas-saħħa 2009/2010. Is-Segretarju Eżekuttiv ġie mitlub jara li jiġu rinovati l-policies.

3.13 Ittra mill-ADT dwar bollards fi Triq il-Parroċċa, Lunzjata u Kurat Schembri. Il-perit inkarigat mit-toroq Charles Buhagiar għandu jiġi mqabbad jikteb lill-ADT.

3.14 Ġiet innotata risposta mingħand il-president ta' Malta Dr. George Abela dwar li għadu kmieni sabiex jkun jista jagħti appuntament għall-laqgħa miegħu.

3.15 Inqrat ittra mill-Perit Charles Buhagiar fejn qal li sabiex issir pjanta tax-xelter (war rooms) ta' taħt il-Ġnien ta' l-Għarusa tal-Mosta kienu jinħtieġu spejjes kbar minħabba li hemm bżonn li dan ix-xelter jitnaddaf wkoll mill-kwantita ta' asbestos li hemm fih u li hu ta' periklu għas-saħħa. Saret diskussjoni u ġie deċiż li minkejja dawn l-ispejjes kbar kien jinħtieġ li jitneħħa l-periklu u jsiru pjanti sabiex dan il-post jiġi riabilitat u jintalbu fondi tal-Unjoni Ewropeja sabiex dan il-post jerġa jibda jintuża għal skopijiet li għad iridu jiġu identifikati.

3.16 Talba għal stand f'Pjazza Rotunda fl-okkazzjoni tal-elezzjoni ghall-parlament ewropew. Ġie deciz li talbiet bhal dan jistghu jigu milqugha basta fil-pjazza u mhux fis-sala tal-komunita jekk dawn il-laqgħat jkunu partiġġjani.

3.17 Ittra mill-Computer Domain dwar trenching fi pjazza 16 ta' Settembru. Billi is-Segretarju Ezekuttiv ġie infurmat li l-kuntrattur il-ġdid qal li kapaċi jagħmel ix-xogħol bejn t-Tlieta u s-Sibt minghajr ma jtellef lill-bejjiegħa tal-monti, il-permess ghandu jinghata b'din il-kundizzjoni.

3.18 Ittra minghand l-avukat Angelo Farrugia ghan-nom tal-klijent tieghu George Borg dwar *parking* quddiem garage fi Sqaq Nru 1 fi Triq l-Oratorju. Is-Segretarju Ezekuttiv gie inkarigat li jikteb lill-ADT sabiex tigi iċċarata s-sitwazzjoni.

## 4.0 Materji Finanzjarji

4.01 Is-Sinjura Romina Perici Ferrante, l-accountant tal-Kunsill ippreżentat l-Accounts għas-sena li għalqet 31 ta' Marzu 2009 flimkien mal-*financial indicator* tal-aħħar kwart tas-sena. Dawn ġew approvati u iffirmati.

Fil-22.04 p.m. is-Sur Joe De Martino ippropona li tiġi aġġornata l-laqgħa għal darba oħra peress li kien sar ħafna ħin. Din il-proposta ġiet issekondata mit-tabiba Dr. Shirley Farrugia. Saret votazzjoni u din il-proposta ma għaddietx b'6 voti kontra 5.

Joe Demartino qal li minkejja ~~l~~ kunsilliere laburisti kienu qablu li l-laqgħa tiġi aġġornata ma kellhomx il-ħila jitolbu lis-sindku jaġġorna l-laqgħa u ikkumenta li huma pupi!

## 5.0 Tender Adjudication – Collection of Bulky Refuse

5.01 Ġiet approvata proposta tal-Adjudication Committee li dan jingħata lill-Donald u Chris Bezzina wara diskussjoni u preżentazzjoni tar-rapport tal-kumitat. L-ewwel sitt xhur għandhom ikunu bi prova.

## *6.0 Ħruġ ta Tenders*

*Ġie approvat unanimament li jinħargu tenders ghall-*

a) Ġbir ta' Skart Door to Door
*b) Combined / Group /Equipment Insurance Cover*
c) Street Sweeping and Cleaning
d) Non Urban Weed Cutting and Cleaning
e) Ħatra ta' Perit għall-proġetti tal-Kunsill

## *7.0* Mozzjoni Speċjali Imressqa mis-Sindku – Revoka ta' Riżoluzzjoni dwar Tender KLM 04/2008 – *Period Contract for the Construction of Footpaths and Culverts and other various works at Mosta.*

7. 01 Is-Sindku avza li kien ser jaqbez din l-item u jipproċedi għall-item li jmiss.

7.02 Il-Kunsilliera Shirley Farrugia staqsiet ghaliex din kienet ser tinqabeż. Is-Sindku wiegeb illi ma kellux ghalfejn jaghti spjegazzjoni għalfejn hu qed jitlob li din tinqabez u fl-istess hin iddikjara li kien behsiebu iressaq din il-mozzjoni f'xi laqgha ohra fil-futur.

7.03 Is-Segretarju Ezekuttiv gie mitlub minn diversi kunsilliera jitlob parir mid-Dipartiment jekk la darba din il- mozzjoni kienet qed tigi postposta setghatx terga tigi diskussa f'laqghat ohra u jekk il-kuntratt ghat-tender KLM 04/08 ghandux jinghata skond kif gie deciz fil-laqgha nru 24.

7.04 Is-Sindku insista li huwa ma kienx qed jirtira din il-mozzjoni izda sempliciment jippostponija.

7.05 Is-Segretarju qal li kien behsiebu jitlob parir legali fuq dan il-kaz.

## 8.0 Mozzjoni Specjali Imressqa mis-Sindku – rikonsiderazzjoni ta' Tender KLM 07/2008 – *Engagement of a Contracts Manager for the Maintenance, Repair and Upkeep of Roads in Mosta.*

8.01 Din il-mozzjoni specjali kinet imressqa mis-Sindku u mill-Kunsillier Paul Agius u iregistrata mis-segretarju kif titlob il-ligi . Waqt il-laqgha tal-Kunsill issekonda din il-mozzjoni s-Sur Mario Sammut.

8.02 Saret votazzjoni u il-mozzjoni ghaddiet b'6 favur u 5 kontra.

8.03 Tressqet proposta mis-Sindku u giet issekondata mis-Sur Mario Sammut li t-tender Nru Klm 07/08 jinghata lill Med Design Associates għall-prezz ta 2.9% kif originarjament gie rakkomandat mill-adjudication committee.

8.04 Saret votazzjoni u l-mozzjoni ghaddiet b'6 favur u 5 kontra.

F'dan l-istadju s-Sindku talab li s-segretarju jniżżel fil-minuti li s-Sur Joe De Martino qal li din il-proposta għaddiet għax hawn membri li huma pupi.

Fil-22.46 p.m. l-erbgħa kunsilliera nazzjonalisti reġgħu insistew li l-laqgħa kellha taġġorna billi issa kien sar ħafna ħin u l-laqgħa kienet ħadet fit-tul ħafna. Is-Sindku qal li kien għalih waqfu għal break iżda kienu l-istess kunsilliera li ma aċċettawx li jsir break u għalhekk huwa kien qiegħed jinsisti li l-agenda tiġi eżawrita kollha.

Hawn il-kunsilliera nazzjonalisti ħarġu mill-kamra filwaqt li s-Sur Joe De Martino qal li kien hemm ftehim li l-laqgħat kellhom isiru nhar ta' Tnejn u jidher li dawn qed jiġu msejħa għal ġurnata oħra apposta għax s-sindku kien jaf li wieħed mill-kunsilliera nazzjonalisti ma jkunx jista jattendi minħabba il-ġeneru tan-negozju tiegħu.

**9.0 Attivitajiet**

9.01 Ġie approvat budget sa massimu ta €1,500 sabiex is-sinjorina Kirby Fenech tagħmel attivita fil-parking place nhar it-12 ta' Ġunju 2009 fis-7.00 ta' filgħaxija.

9.02 Ġie approvat ukoll budget ta' massimu ta €400 sabiex isir video tal-attivitajiet li saru mill-Ħames Kunsill.

**10 Ħwejjeg oħra**

10.01 Is-Sur Paul Agius ippropona li s-Segretarju Eżekuttiv jiġi rimbursat bl-ispejjes tal-mobile. Din ġiet approvata unanimament filwaqt li s-Sindku spjega illi huwa dejjem kien talab lis-Segretarju sabiex jikkumpensa ruħu ta' dawn l-ispejjes.

10.02 Is-Sur Paul Agius ippropona ukoll u ġie unanimanet approvat illi ssir upgrading tal-computers tal-Kunsill u li tinxtara photocopier oħra minflok dik li tinsab fil-kamra tal-Kunsilliera. Ġie deċiż li għandha tinxtara photocopier simili u kompatibbli ma' dik li tinsab fl-uffiċċju ġenerali sabiex jekk u meta ikun hemm xi ħsara din tintuża waħda minflok l-oħra, billi it-tnejn jkunu mqabbda 'on-line' mal-kompjuters tal-Kunsill.

10.03 Is-Sindku talab li tiġi ratifikata d-deċiżjoni illi il-perit Charles Buhagiar jiġi ukoll appuntat perit 'ad hoc' sabiex jaħdem fuq proġetti li huma identifikati għal-applikazzjoni ta' fondi mill-Unjoni Ewropeja. Din il-ħatra qeda tintalab fid-dawl tal-urġenza minħabba deadlines stretti li hemm għal dawn l-applikazzjonijiet u sabiex ma jintilifx ċans li jiġu akkwistati dawn il-fondi. Dan ġie approvat unanimament. Is-Segretarju intalab jikteb lill-Perit Buhagiar f'dan is-sens.

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 21 ta ' Mejju fis-7.30 p.m.

L-agenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fil-11.15 p.m.

Dott Paul Chetcuti Caruana
Sindku

John J. Camilleri
Segretarju Eżekuttiv